# ĦAL LUQA

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 21 – IL-ĦAMIS 25 TA' MARZU 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa il-Ħamis 25 ta' Marzu 2021 fis-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Maria Magri | Kunsilliera |
| Skużat | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Lucia Massa | Kunsilliera |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| Persuni oħra | Joseph Piscopo | Accountant |

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI

1.1 Is-Sindku semma li l-Kunsilliera Massa kienet se tkun assenti għall laqgħa tal-lum. Is-Sindku semma li l-Viċi Sindku kien informa lis-Segretarju li kien se jkun indispost.

## 2 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Il-minuti ġew approvati mill-Kunsillier Camilleri u ssekondati mill-Kunsilliera Magri.

## 3 MOZZJONI, ART LILL-KUNSILL LOKALI MAĠENB, TRIQ IL-ĠDIDA

3.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni ppreżentata minnu u ssekondata mill-Kunsillier Eric Camilleri fejn fiha kien hemm talba biex art li tinsab maġenb Triq il-Ġdida tingħata lill-Kunsill Lokali b' devoluzzjoni. Din il-mozzjoni kienet datata għas-17 ta' Marzu 2021. Is-Sindku semma li din l-art hija waħda mill-ftit possibiltajiet biex isir proġett mill-Kunsill Lokali b' risq il-komunita.

3.2 Il-Kunsilliera qablu ma din il-mozzjoni b' vot unanimu sabiex ikun hemm devoluzzjoni tal-art in kwistjoni maġeb Triq il-Ġdida lill-Kunsill Lokali.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku semma li konna se napplikaw għall skema biex jinġiebu flus biex bihom isiru xogħolijiet fil-Bandli ta' Ħal Luqa u dak ta' Ħal Farruġ. Fil-każ tal-Bandli ta' Ħal Luqa kien hemm bżonn li jinbidlu xi rubber tiles, filwaqt li dak tal-Family Park f' Ħal Farruġ kien hemm il-pjan li ssir bandla apposta għall persuni b' diżabilità.

## 5. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

5.1 Il-Kunsillier Caruana qal li fuq punt 6.2 tal-minuti preċedenti, l-WSC ġew u tefgħu l-patching fuqha. Is-Segretarju qal li ma kienx infurmat fuqha. Il-Kunsillier Caruana qal li hemm sprallijiet oħrajn li għandhom il-ħsara. Is-Sindku qal li rridu niktbu lil-WSC biex jagħmlu xogħol sew ta' re instatement.

5.2 Il-Kunsillier Caruana qal li quddiem l-HSBC it-Triq reġgħet niżlet. Is-Sindku qal li rridu noħorġu tender għas soft areas u tal-patching tat-toroq.

5.3 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq punt 6.4 tal-minuti preċedenti huwa kien iċċekkja mas-sid fejn trid tiġi l-mera. Is-Sindku qallu li kif ikun hawn il-kuntrattur tal-mirja jċempillu biex jiġi jindikalu.

5.4 Il-Kunsillier Caruana qal li fi Triq Dun Pawl il-bankina trid tinbiddel. Il-Kunsillier Aquilina qal li huwa kien semma sabiex hawn isiru bollards fil-post. Is-Sindku qal lill-Kunsillier Aquilina li bollards dak it-tip ma jistgħux jsiru. Huwa qallu li l-problema hawnhekk hija għaxx jipparkjaw il-karozzi fuq id-double yellow line.

5.5 Il-Kunsillier Aquilina irrefera għall punt 6.12 tal-minuti preċedenti dwar il-bankini ta' Triq id-9 t' April. Is-Sindku semma li lill-kuntrattur żammejna parti mill-flus li kellu jieħu. Is-Sindku semma wkoll li saru diversi talbiet lill-Infrastructure Malta biex jsiru l-linji tal-parkeġġi hawnhekk.

5.6 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm xi kurduna nieqsa maġenb il-Beko.

5.7 Il-Kunsillier Aquilina saqsa jekk għandniex xi pjanti ta' kif kien ġej il-Housing Estate tan-naħa ta' Wied il-Knejjes. Is-Sindku qallu li huwa bhala Kunsillier kien qal li kien se jistħarreġ biex jsib dan kif kien ġej. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex jipprova jġib aktar informazzjoni fuq il-proġett.

5.8 Il-Kunsillier Camilleri irrefera għall problema tal-iskart li qed jitħalla maġenb il-Bandli. Huwa qal li sar jaf li hawn servizz ta' cameras li jitħallew temporanjament f' post partikolari u jistgħu jiġu mċaqalqa skont il-bżonn. Huwa qal li filkaż ta' Ħal Farruġ ser ttiwaħħal camera permanenti maġenb il-Kappella.

5.9 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm xi ħaxix fi Triq Indri Micallef biex dan jitneħħa.

5.10 Il-Kunsillier Caruana saqsa il-għala kienet tneħħiet is-sleeping policeman minn Triq il-Karmnui.

5.11 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm xi żrar quddiem in-numru 84, Triq San Ġorġ u hemm bżonn patching quddiem in-number 52 tal-istess Triq.

5.12 Il-Kunsillier Caruana semma li l-bins li hemm quddiem iċ-Ċimiterju mhux qed jinfetħu biex dawn jitnaddfu sew.

5.13 Il-Kunsillier Caruana semma li huwa kien se jġib xi kwotazzjonijiet rigward il-vann u b' hekk inkunu nistgħu napplikaw għall permess tad-direct order.

## 6. ISEM TAT-TRIQ AD UNUR TUSE MALLIA

6.1 Is-Sindku semma li din il-mozzjoni fil-laqgħa preċedenti ma kinitx sekondata għalhekk ma tkunx valida. Huwa semma li jekk Triq Ħal Tarxien jinbidlilha isimha se jkun hemm problema kbira għall dawk ir-residenti minħabba l-mod kif inhu reġistrat l-indirizz tagħhom mal-entitajiet l-oħra.

6.2 Is-Sindku semma li nistgħu nsemmu l-proġett li ser issir fuq l-art li hemm maġenb Triq il-Ġdida għalih gialadarba din l-art tkun devoluta lill-Kunsill Lokali. Kien hemm diskussjoni fuq dan is-suġġett u msemmija diversi eventwalitajiet fosthom anki inħawi ġodda ġewwa Ħal Luqa li jistgħu jissemmew għalih.

6.3 Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-proposta tas-Sindku li l-art li hemm maġenb Triq il-Ġdida jekk din tingħata lill-Kunsill Lokali u jsir proġett tissemma għall Tuse Mallia.

## 7. BORD TAL-EVALWAZZJONI TAT-TENDERS

7.1 Is-Sindku semma li bħalissa l-Kunsill għandu t-tender tal-knies, bini tal-ħitan tas-sejjieġħ u għall sistema tal-irrigazzjoni li jeħtieġ li jinħatar Bord tal-evalwazzjoni fuqhom.

7.2 Is-Sindku ppropona lil Dr. Hubert Theuma, Dr. Philip von Brockdorff u lill-Perit Christian Buhagiar biex ikunu membri tal-evalwazzjoni fuq dawn it-tlett tenders. Il-Kunsilliera preżenti qablu fuq dawn il-membri tal-evalwazzjoni, b' vot unanimu.

## 8. RESTAWR TAL-ISTATWA TAL-KUNĊIZZJONI

8.1 Is-Sindku semma li r-restawr fuq din l-istatwa kien wasal biex jitlesta għall kollox u minn naħa tiegħu kien qed jikkordina għall inawgurazzjoni tagħha.

## 9. XOGĦOLIJIET TAL-LATRINA

9.1 Is-Sindku semma li huwa kien iltaqa mal-Perit biex jieħu parir professjonali fuq l-istruttura. Kienu saru żewġ żjarat fejn fl-ewwel żjara irriżulta li ma kienx hemm qatran taħt il-ħajt. Is-Sindku semma li l-kuntrattur kien beda jħaffer għall pedamenti tal-ħajt tal-bricks li kellu jservi bħala sostenn u waqt it-tħaffir irriżulta li l-binja ma kelliex pedamenti imma kienet qed tistrieħ direttament fuq il-ħamrija.

9.2 Is-Sindku semma li fuq parir professjonali minn naħa tal-Perit dan qallu biex il-binja titwaqqa għall kollox u ssir mill-ġdid anki peress li kien hemm ġebel u bricks ħżiena.

## 10. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

10.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar pagamenti.

## 11. TMIEM TAL-LAQGĦA

11.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha il-Ħamis 25 ta' Marzu 2021 fis-18.30. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

**John Schembri**

**SINDKU**

**Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA**

**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**